MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Numru. 1117/2004

PULIZIJA
SPETTUR KEVIN BORG
VS
MICHAEL MANGION

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Mangion, ta' 45 sena, bin Joseph u Lonza nee' Debono, imwieled Zejtun fit-22 ta' Novembru 1959, u residenti 31, Xejba Street, Zejtun, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 768959(M), u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, u cioe' fil-perjodu ta' bejn Awissu 1998 u Gunju 1999, b'diversi atti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu, fil-kapacita' tieghu bhala prokuratur taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-

haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' approprija ruhu minn flejjes migbura, liema flejjes jammontaw ghas-somma ta' aktar minn elf Lira Maltin (Lm1000), liema flejjes jappartjenu lil Salvatore Mangion, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, u dan bi ksur tal-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq, bi hsara ta' Salvatore Mangion, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 164965(M), u dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 6) u tal-imputat (a fol 9) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 19) fuq l-ewwel akkuza.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat Michael Mangion hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu, waqt li tilliberah mit-tieni akkuza li hija sussidjarja ghall-ewwel akkuza, u wara li rat l-Artikoli 293, 294 u 28A

tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal sena prigunerija sospizi ghal sentejn. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci tal-kaz, inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, u l-fatt illi l-imputat dahal fi ftehim dwar kif ser ihallas lill-kwerelanti, u cioe’ b’rata mensili ta’ erbghin Lira Maltin (Lm40).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------